# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 16/2016**

**Dunstin Bugeja**

**vs.**

**Avukat Generali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrenti talli hajjar ghall-prostituzzjoni tliet (3) tfajliet minuri u ghamel qligh mill-istess attivita`;

1.2. Illi wahda mit-tliet tfajliet fuq indikati kienet tohrog mar-rikorrenti u stqarret mal-Pulizija li r-rikorrenti kien introduciha f'din l-attivita`, (ara foll 1);

1.3. Illi l-flus kollha li l-istess tfajla kienet taghmel mill-istess attivita` kien johodhom ir-rikorrenti;

1.4. Illi l-istess tfajla fuq riferita qalet lill-Pulizija wkoll li r-rikorrenti kellu wkoll zewg (2) tfajliet ohra inizjati fuq dan ix-xoghol, (ara foll 2);

1.5. Illi l-istess zewg (2) tfajliet fuq riferiti kkonfermaw l-istess attivita` organizzata ghalihom mir-rikorrenti, (ara foll 2);

1.6. Illi r-rikorrenti rrilaxxa stqarrija fit-13 ta' Novembru, 2009, li inghatat minghajr ma kellu assistenza legali, (ara foll 3);

1.7. Illi m'nghatax access ghad-dokumentazzjoni li kellha l-Pulizija fir-rigward, (ara foll 3);

1.8. Illi dak iz-zmien ir-rikorrenti kellu biss sbatax- (17) il sena;

1.9. Illi gie imressaq il-qorti bis-sentenza relattiva tinghata fit-28 ta' Marzu, 2014, u kien ikkundannat sitt (6) snin prigunerija, (ara foll 2);

1.10. Illi prezentement l-istess interpona appell fejn ghadha pendenti;

1.11. Illi l-ilment kostituzzjonali in dizamina jirrigwarda l-fatt li meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Pulizija hu, li kien ukoll minuri, ma kellux assistenza legali;

1.12. Illi dan jikkonstitwixxi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.13. Illi dan id-dritt gie stabbilit mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-*Qorti ta' Strasburgu*);

1.14. Illi fost din il-gurisprudenza riferita fil-paragrafu precedenti hemm is-segwenti:

1.14.1. ***Salduz vs. Turkey*** datata s-***27 ta' Novembru, 2008,*** (ara foll 3);

1.14.2. ***Dayanan vs. Turkey II*** datata t-***13 t'Ottubru, 2009***, (ara foll 4);

1.14.3. ***Planka vs. Poland*** datata l-***31 ta' Marzu, 2009***;

1.14.4. ***Mario Borg vs. Malta*** datata l-***12 ta' Jannar, 2016***, (ara foll 7);

1.15. Illi l-***Qorti Kostituzzjonali*** ta' Malta wkoll esprimiet lilha nnifisha fir-rigward fost ohrajn, fis-segwenti:

1.15.1. ***Pulizija vs. Alvin Privitera*** datata l-***11 t'April, 2011***, (ara foll 6);

1.15.2. ***Pulizija vs. Esron Pullicino*** datata t-***12 t'April, 2011***, (ara foll 6);

1.16. Illi anke l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** tirreferi ghall-istess sitwazzjoni fosthom fil-kawza fl-ismijiet ***Malcolm Said vs. Avukat Generali***, datata l-***14 ta' Jannar, 2016***;

1.17. Illi dwar ir-rimdeju hawn sollecitat mir-rikorrenti hemm referenza ghas-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** fl-ismijiet ***Panorits vs. Cipru***, datata l-***11 ta' Dicembru, 2008***;

1.18. Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti biex din:

1.18.1. Tiddikjara li minhabba li kien imcahhad mill-assistenza legali waqt l-arrest u m'inghatax access ghad-dokumentazzjoni tal-Pulizja, gew lezi lilhu d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.18.2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi xierqa;

2. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta’ Frar, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 12);

3.0. Rat ir-risposta datata is-16 ta’ Frar, 2016, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 23):

3.1. Illi tenut kont li l-proceduri penali fir-rigward ghadhom pendenti, l-procedura odjerna hi prematura u intempestiva;

3.2. Illi *stante* li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jirrigwardaw l-istadju precedenti l-azzjoni kriminali, l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli;

3.3. Illi n-nuqqas t’assistenza legali waqt l-istqarrija qatt ma giet attakkata fil-procedura kriminali in dizamina;

3.4. Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ghall-assistenza legali;

3.5. Illi li jezisti hu biss id-dritt ghal smigh xieraq;

3.6. Illi jekk in-nuqqas lamentat ma jgib l-ebda pregudizzju ghall-akkuzat, allura dan ma jkollu l-ebda raguni jinvoka l-ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq fil-konfront tieghu;

3.7. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess rikorrenti kien ghazel li jixhed fil-procedura kriminali fl-udjenza tat-18 ta’ Jannar, 2012;

3.8. Illi dritt in dizamina jrid jitqies skont ic-cirkostanzi u ghalhekk, il-gurisprudenza riferita mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu mhix applikabbli ghall-kaz tieghu;

3.9. Illi l-fatt li r-rikorrenti m’inghatax access ghad-dokumentazzjoni tal-Pulizija ma jikkostitwix ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq;

3.10. Illi ghalhekk id-drittijiet lamentati mir-rikorrenti qatt ma gew lilhu lezi;

3.11. Illi *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet lamentati mir-rikorrenti, kull rimedju mitlub mhux gustifikat u m'hemm l-ebda lok ghall-kumpens pekunarju;

3.12. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 213), u kif sussegwentement estizi, bid-digriet taghha datat it-22 ta' Novembru, 2016, (ara foll 216);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-11 ta' Jannar, 2017, (ara foll 217), flimkien ma dik tal-intimati datata s-16 ta' Marzu, 2017, (ara foll 232);

6. Rat il-verbal datat il-21 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn x'iziedu man-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 247);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-procedura odjerna hi naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti qed jilmenta mis-segwenti:

7.1. Illi meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Ispettur Graziella Muscat, fit-13 ta' Novembru, 2009, ghalkemm din saret fil-presenza tal-Kuntistabbli R. Zammit, (P.C. 1359), pero` ma kienx assistit minn avukat, (ara foll 33 u 143);

7.2. Illi di piu`, m'inghatax access ghad-dokumentazzjoni li l-Pulizija ghandha fir-rigward qabel m'ittiehdet il-procedura in dizamina;

7.3. Illi ghalhekk dan jikkostitwixxi l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikli specifici minnhu indikati fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-intimati jsosstnu sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

8.2. Illi l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti ma kienitx inkriminanti;

8.3. Illi mill-istess jirrizulta li r-rikorrenti:

8.3.1. Innega kollox;

8.3.2. Ghazel li ma jiffirmahhiex;

8.4. Illi jirrizulta li waqt l-istqarrija r-rikorrenti nghata d-debita twissija;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-posizzjoni prezentement vigenti hi dik naxxenti mis-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Malcolm Said vs. Avukat Generali et***, datata l-***24 ta' Gunju, 2016***;

9.2. Illi l-istess sentenza stabbiliet li meta jittiehdu xi azzjonijiet qabel mal-persuna involuta tkun akkuzata formalment fil-qorti bl-imputazzjonijiet addebitata lilha:

> "Ma jfissirx... li dak li jkun sar qabel mal-attur ikun akkuzat ma jistax jolqot, bi pregudizzju ghalih, dak li jigri wara li jigi akkuzat b'mod li minhabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jinghata smigh xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-tehid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – isehh mhux bil-fatt li tkun ittiehdet l-istqarrija (meta l-attur kien ghadu mhux "akkuzat"), izda bil-fatt li jsir uzu minn dik l-istqarrija waqt il-

process kriminali, meta allura l-attur ikun "akkuzat";

9.3. Illi konsegwentement, ghal din ir-raguni biss ma jistghax *a prioristikament* jinghad li l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni hu ghal kollox inapplikabbli;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi rigward l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni sintetikament jinghad is-segwenti:

10.1. Illi dan jistabbilixxi li fid-determinazzjoni t'akkuza kriminali, l-akkuzat hu intitolat ghal smigh xieraq;

10.2. Illi konsegwentement bis-sahha tal-artiklu konvenzjonali in dizamina akkuzat ikollu d-dritt li:

10.2.1. Jiddefendi ruhhu personalment;

10.2.2. Jiddefendi ruhhu alternattivament permezz t'assistenza legali tal-ghazla tieghu;

11. Illi jigi immedjatament sottolineat li fir-rigward tal-interrogatorju, l-Qorti ta' Strasburgu bi kjarezza tirrikonoxxi d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata;

12. Illi f'***Salduz vs. Turkey*** fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt erbatax punt wiehed, (1.14.1.) aktar qabel), gie awtorevolment stabbilit is-segwenti:

> "... the rights of the defense will in principle be inevitably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction";

13.0. Illi *di piu`*, il-gurisprudenza tal-istess *Qorti ta' Strasburgu* tissottolinea li m'hemmx bzonn li jsir ezami tal-proceduri fl-intier taghhom jekk jirrizulta li kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt tal-assistenza legali, u ghal dan, issir referenza ghas-segwenti:

13.1. ***Dayanan vs. Turkey***: ***13th October, 2009***;

13.2. ***Pavlenko vs. Russia***: ***1 t'April, 2010***;

13.3. ***Pischalnikov vs. Russia***: ***24 ta' Settembru, 2009***;

14. Illi lokalment il-posizzjoni fir-rigward kompliet tevolvi specjalment fid-dawl tas-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** fl-ismijiet ***Mario Borg vs. Malta***, datata t-***12 ta' Jannar, 2016***;

15. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' dilungar inutili ssir referenza ghall-paragrafi 56 sa 63 tas-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti li jistabbilixxu bi kjarezza l-principji involuti fir-rigward, (ara wkoll foll 7 sa 9);

16. Illi fid-dawl tal-istess il-Qorti de quo tistabbilixxi bi kjarezza li kull stqarrija li ssir minghajr il-presenza t'assistenza legali ghall-interrogat - salv f'kazijiet verament eccezzjonali – hi lesiva l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

17.0. Illi fil-kuntest lokali l-istess linja legali giet segwita mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-segwenti kawzi:

17.1. ***Malcolm Said vs. Avukat Generali***: ***14 ta' Jannar, 2016***;

17.2. ***Trevor Bonnici vs. Avukat Generali***: ***10 ta' Novembru, 2016***;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi minn ezami tal-fatti tal-kaz odjern jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu datat it-13 ta' Novembru, 2009, (ara foll 33 u 143);

18.2. Illi l-fatt li m'iffirmax l-istess stqarrija ma tirrizultax li hi rilevanti fid-dawl tal-insenjament kurjali fuq riferit;

Ikkunsidrat:

19. Illi allura, fid-dawl tal-insenjatament superjuri fuq riferit, la jirrizulta abbundantement assodat li la fl-interrogatorju tieghu r-rikorrenti ma kellux l-ghajnuna legali mehtiega, dan il-fatt minnu nnifsu hu bizzejjed biex tigi kristallizzata l-lezjoni tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in dizamina;

20. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li effettivament ir-rikorrenti sofra lezjoni fid-dritt tieghu ta' smigh xieraq;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

21.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

21.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

21.3. Tiddikjara li konsegwenza tal-istess gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fit-termini tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

21.4. Tikkundanna ghalhekk lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont t'elfejn u hames mitt euro, (€2,500.00);

21.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati,

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**